# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 1174/2019 MH**

**Illum, 2 ta' Diċembru 2022**

**360 Retail Supplies Limited (C 64900)**

**vs**

**Maged Fawzy Shokry Iskandar (K.I. 20947A) u Hyam Yakoub Mesak Gbyral (K.I. 20953A)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors tas-soċjeta' attriċi tal-10 ta' Diċembru 2019** li permezz tiegħu ppremettiet u talbet –

1. *Illi s-socjeta attrici kienet prestat diversi xogholijiet lill-intimati u dan kif sejjer jigi pruvat waqt is-smiegh tal-kawza.*
2. *Illi pero dawn id-diversi xogholijiet ma gewx imhallsa, b'mod li l-istess intimati huma debituri tas-socjeta rikorrenti f'ammont li ghandu jigi likwidat minn din l-onorabbli Qorti.*

3. *Illi s-socjeta attrici taf b'dawn il-fatti personalment.*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha ;*

1) *Tiddikjara li l-intimati huma debituri tas-socjeta attrici f'ammont li ghandu jigi likwidat minn din l-Onorabbli Qorti rappresentanti xogholijiet rezi lill-intimat.*

2) *Tillikwida l-ammont dovut lis-socjeta attrici ai fini ta' l-ewwel talba.*

3) *Tordna lill-intimati sabiex ihallsu l-ammont hekk likwidat.*

*Bl-ispejjez u l-imghax u l-intimati minn issa ngunti in subizzjoni. »*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti tad-9 ta' Novembru 2020**[1] permezz ta' liema ressqu dawn l-eċċezzjonijiet –

*"1. Illi in linea preliminari, l-intimati ma humiex il-legittimi kontradditturi peress illi kienet is-socjeta Karas Company Limited (C 63986) li kienet tinnegozja mas-socjeta rikorrenti u mhux l-istess l-intimati indikati.*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma humiex debituri tas-socjeta rikorrenti fl-ebda ammont u dana peress li gja thallsu b'idejhom.*

[1] Fol 31

*3.Illi l-azzjoni rikorrenti kif promossa hija nulla u nvalida billi stante li kellhu jigi indikat fattwalment l-ammont allegatament mitlub u mhux tintalab kundanna ghal likwidazzjoni ex officio ta' din l-Onorabbli Qorti.*

*4. Salv risposti ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat il-provi tal-partijiet u n-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejniethom.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-kawża odjerna s-soċjeta' attriċi qegħda titlob lill-Qorti tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tagħha f'ammont li għandu jiġi likwidat rappreżentanti xogħlijiet reżi lill-konvenuti kif ukoll li tillikwida u tordna l-ħlas ta' tali ammont.

Minn naħa tagħhom il-konvenuti jirrespinġu l-pretensjonijiet attriċi bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Xehed **Jonathan Sciberras, direttur tas-soċjeta' attriċi**[2] li qal li bejn is-sena 2014 u 2015 kien avviċinahom il-konvenut Maged u qalilhom li xtaq jiftaħ xi ħwienet tal-merċa u talab lis-soċjeta' attriċi sabiex jibdew jarmawlu xi convenience shops permezz ta' xkaffar u tagħmir ieħor relatat. Il-konvenut qalilhom li l-ħwienet kienu tiegħu personali u mhux ta' xi kumpanija. Hu tahom ismu u l-karta tal-identita' tiegħu. Bdew jagħmlulu x-xogħlijiet mitluba. Għamlu xogħlijiet f'erba' ħwienet. Il-konvenut beda jagħmel il-ħlasijiet *on account*, ġieli fi flus kontanti u drabi oħra bi trasferiment bankarju jew b'ċekkijiet. Eventwalment bdew iqumu problemi fil-pagamenti għax ma baqax iħallas u xi ċekkijiet li kien tahom ma setgħux jissarrfu. Rappreżentanti tas-soċjeta' attriċi kellmu lill-konvenut dwar dan u qalilhom biex ituh ċans għax kien marad. Is-

[2] Fol 35A et seq

soċjeta' attriċi aċċettat li fiċ-ċirkustanzi ttih dan iċ-ċans pero' maż-żmien il-konvenut mhux talli ma ħallasx talli beda jaħrabhom. Skoprew anke li kredituri oħra kienu qed isibu diffikulta' biex jiġbru flushom lura mingħand il-konvenuti. Maż-żmien il-konvenut kien għalaq ħanut minnhom u qal lis-soċjeta' attriċi biex jieħdu lura xi apparat li kienu waħħlu hemm ħalli jinqata' parti mid-dejn dovut. Is-soċjeta' attriċi aċċettat u hekk sar. Kien hemm stadju fejn l-istess konvenut kien proponilhom li jagħmlu ftehim ta' kostituzzjoni ta' debitu biex hu jserrħilhom rashom li ser iħallashom dak dovut. Madankollu wara li s-soċjeta' attriċi kienet ħadet ħsieb li jsir l-abbozz tal-ftehim u n-nutar mar erba' darbiet, il-konvenut baqa' ma resaqx għall-iffirmar. Bejn it-tielet u r-raba tentattiv li jiġi ffirmat il-ftehim, wara li l-konvenut kien qalilhom li ma jiflaħx, is-soċjeta' attriċi kienet anke ssuġġeritlu li jinkariga lil xi ħadd bi prokura iżda hu baqa' ma weġibx. Is-soċjeta' attriċi kellha tħallas hi stess l-ispejjeż notarili relattivi u ta' dan ma hijiex qed titlob ħlas fil-kawża. Il-pretensjoni tagħha għall-ħlas hija limitata biss għal xogħol tanġibbli li wettqet fil-ħwienet tal-konvenuti.

Mill-prospett esibit in atti[3], il-bilanċ minn somma akbar dovuta lis-soċjeta' attriċi huwa ta' **€29,701.00.**

Minn naħa tiegħu l-**konvenut Maged Fawzy Shokry Iskander** xehed[4] li hu kellu xi ħwienet tal-*confectionery* u xtara freezers, xkafef u dwal biex jarma l-ħwienet. Skritturi bil-miktub mhemmx. Eventwalment huwa kien marad bil-kanċer u wara xi sena u nofs spiċċa trattamenti li kellu bżonn. Matul dak il-perjodu ta' mard kienu l-impjegati tiegħu li mexxew in-negozju u meta rritorna sab rebus. Xehed ukoll li l-ħwienet tahom lura lis-sidien għax kellu ħafna dejn u l-affarijiet kollha li kien xtara mingħand is-soċjeta' attriċi kienu ġew qalgħuhom u ħaduhom kollha lura. Qal li kien jinnegozja f'isem is-soċjeta' Karas Company Ltd iżda ma għadux jaħdem biha. Il-konvenut xehed li għalkemm għamel xi ħlasijiet lis-soċjeta' attriċi ma ftakarx kemm kien il-bilanċ li kien fadallu jħallasha. Pero' nnega li fadallu jagħti l-ammont ta' €29,701.00 għax fi kliemu l-ixkafef kollha ħaduhom u għamel xhur sħaħ iħallas lis-soċjeta' attriċi.

## Eċċezzjonijiet Preliminari

**Fit-tielet eċċezzjoni** l-konvenuti jissollevaw in-nullita' u l-invalidita' tal-azzjoni attriċi stante li fil-fehma tagħhom kellu jiġi ndikat l-ammont fattwalment mitlub u mhux tintalab il-kundanna għall-likwidazzjoni *ex officio* mill-Qorti.

Din l-eċċezzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

---

[3] Fol 36 et seq

[4] Fol 43 A et seq

Il-fatt li fir-rikors ġuramentat ma ġietx speċifikata s-somma pretiża mis-soċjeta attriċi ma jwassalx għan-nullita' tal-azzjoni nfisha. Dan aktar u aktar fid-dawl tal-fatt li l-prospett dettaljat tal-bilanċ tal-ħlas pretiż mis-soċjeta' attriċi ġie preżentat fl-istadju inizjali tas-smiegħ tal-provi u kwindi l-konvenuti ma ġewx preġudikati fid-difiża tagħhom. Tfakkar dejjem li m'hemm xejn irritwali jew addirittura preġuikanti f'talba għal-likwidazzjoni ta' kreditu.

**L-eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda.**

**Fl-ewwel eċċezzjoni** l-konvenuti jeċċepixxu li huma mhumhiex leġittimi kontradditturi għat-talbiet tas-soċjeta' attriċi stante li kienet is-soċjeta' Karas Company Limited (C 63986) li kienet qed tinnegozja mas-soċjeta' rikorrenti u mhux il-konvenuti mħarrka.

Minn naħa tagħha s-soċjeta' attriċi tikkontendi li hija kienet tinnegozja mal-konvenut Maged Fawzy Shokry Iskander.

Ingħad hekk fil-każ **Joseph Grech et vs Nikka Developments Company Limited et deċiż fit-3 ta' Novembru 2017 -**

*"Dwar l-argument tas-soċjeta' li hija mhijiex legittimu kontraditur, kif qalet din il-Qorti fil-każ* ***Pauline MacDonald vs Medistar Healthcare Services Limited et deciz fit-28 ta' Settembru 2016***[5] ***-***

*"Il-kriterji li jirrendu parti f'kawża bħala leġittimu kontradittur jirriżultaw ben ċari mill-ġurisprudenza:*

***Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited*** *deċiża fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell**:***

*"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux*

[5] Rik Gur 700/14

*fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.*

*Fil-każ fl-ismijiet* ***Edgar Urpani pro et noe vs Continental Meat Co. Ltd deciz fit-23 t'Ottubru 2009***[6] *intqal hekk:*

*"Huwa ben risaput illi, u apparti mill-operat tal-liġi, il-kostituzzjoni in ġudizzju ta' parti mħarrka tinsel minn qagħda ta' rapport ġuridiku preċedenti, sija kontrattwali, extra-kontrattwali, delittwuz jew akwiljan. Ara Artikolu 959 Kodiċi Ċivili. Dan neċessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni ma' l-oġġett jew it-titolu tal-kawża."*

*Illi inoltre l-ġurisprudenza tkompli hekk:*

*"Għal fini tal-valutazzjoni ta' l-integrita` tal-kontradittorju rigward irid isir b'mod esklussiv għal dak prospettat mill-attur bit-talba tiegħu. Dan għaliex il-kontradittorju hu determinat fuq il-bażi tad-domanda proposta."* ***(Avukat Dr Aaron Mifsud Bonnici noe vs European Institute of Education Limited)***[7]**.**

*Inoltre fil-każ* ***Av. Michael Psaila noe vs Joseph Pace et deciz fit-3 ta' Ottubru 2008***[8] *ingħad li -*

*"Min jeċċepixxi li hu mhux il-leġittimu kontradittur jeħtieġ illi jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi għat-talba proposta bl-istanza għaliex hu ma kienx daħal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'għadx għandu tali rapport."*

Hija regola prinċipali fid-dritt li fejn jidħlu obbligazzjonijiet, persuna hija meqjusa li tkun wegħdet u ftehmet għaliha nnifisha u mhux għal ħaddieħor, sakemm ma jiġix muri bil-kontra.

Ingħad hekk fil-każ **M.C.F Company Ltd vs Charles Buhagiar et deċiż fil-15 ta' Ġunju 2016 -**

*Illi f'materja tal-identità tal-persuna li tidħol f'rapport kuntrattwali ma' ħaddieħor, din il-Qorti tiġbed l-attenzjoni għal dawn il-pronunzjamenti tal-ġurisprudenza u fehmiet ta' kittieba tad-dritt ċivili u kummerċjali:*

---

[6] Rik 1758/99 Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)

[7] (Nru 777/06) Deciz 13 ta' Marzu 2009 mill-Qorti ta' l-Appell

[8] Cit Nru 1236/07

*1) huwa prinċipju ġenerali li, f'ġieħ is-sikurezza tan-negozju ġuridiku, meta wieħed jagħmel ftehim, ikun jaf sewwa l-identità tal-persuna li tkun qiegħda tobbliga ruħha lejh, jew li jkun qiegħed jobbliga ruħu lejha.*

*2) hija ħaġa minn ewl id-dinja illi bniedem jikkuntratta għalih innifsu u kull min jidħol fi ftehim ikun ġustifikat jassumi, kemm għas-serħan il-moħħ tiegħu, kemm għas-sigurtà tal-operazzjonijiet kummerċjali, li jkun qiegħed jiftiehem mal-persuna li tkun daħlet fil-ftehim miegħu u mhux ma' ħaddieħor. Hemm ukoll il-prinċipju sagrosant li l-kuntratti jridu jsiru in bona fede u ħadd m'għandu jkun sorpriż b'allegazzjoni fiergħa li minflok ma' Kaju, huwa jkun ikkuntratta ma' Sempronju.*

*3) biex persuna li tidħol f'kuntratt torbot lil ħaddieħor li tkun qiegħda tirrappreżenta, din trid tagħmilha ċara mal-parti l-oħra li qed taġixxi f'isem ħaddieħor, u turi lill-parti l-oħra, b'mod ċar l-identità tagħha; dak li l-Taljani jsejħulha spendita del nome, jew il-contemplatio domini. Il-mandat irid jintwera jew espressament inkella għall-inqas b'mod li l-parti l-oħra tkun raġonevolment taf li tkun qed tikkuntratta ma' persuna li tkun qiegħda tidher għal ħaddieħor. Fl-assenza ta' turija espliċita, huwa neċessarju u fl-istess ħin biżżejjed "un comportamento del rappresentante che, per univocità e concludenzia, sia idoneo a portare a conoscenza dell'altro contraente di diligenzia media" - hekk imsejħa contemplatio domini per facta concludentia. "In conseguenza la rappresentanza può essere dedotta – oltre che da una dichiarazione espressa – da ogni altro elemento da cui risulti in modo inequivoco che l'attività del soggetto si svolga in attuazione di un potere rappresentativo a lui conferito."*

*Jissokta jiġi preċiżat illi l-presunzjoni affermata fis-sentenza appena aċċennata kienet però waħda juris tantum u allura tammetti l-prova kuntrarja. Prova din li kienet tispetta lil persuna li kien qed jidher f'isem u għan-nom ta' persuna oħra. "Dan mhux biss kellu jipprova li hu kien qiegħed jaġixxi bħala mandatarju ta' ħaddieħor imma wkoll kellu jipprova illi tali fatt kien ġie a konoxxenza tal-persuna li magħha jkun qiegħed jikkuntratta" - Lawrence Formosa nomine et nomine vs. Silvio Felice, Appell, 6 ta' Ottubru, 1999.*

*"Mhux biżżejjed allura li l-appellanti jistrieħ fuq is-sempliċi dikjarazzjoni tiegħu illi hu qatt ma innegozja mas-soċjetà attrici f'ismu personali. Hu ħtieġlu li manifestament jipprova dan l-istess assunt tiegħu".*

*Fil-każ ta' persuna li tkun qed tippretendi li tidher għal kumpannija, ingħad hekk:*

*"Illi din il-Qorti temmen li meta negozju jkun ġestit minn soċjetà b'responsabilità limitata, u għaldaqstant minn persuna ġuridika indipendenti, huwa l-obbligu*

*tagħha li tindika dan fl-aktar mod ċar u inekwivoku lit-terzi li jkunu qegħdin jinnegozjaw magħha. Tali indikazzjoni għandha ssir ukoll fuq l-invoices, statements, eċċ relatati ma' akkwisti magħmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz għandu kull dritt jippreżumi li qiegħed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod ieħor. Kien għalhekk jinkombi fuq il-konvenut (omissis) li jġib il-prova li s-soċjetà attriċi kienet ġiet mgħarrfa li n-negozju kien qiegħed jiġi ġestit minn soċjetà kummerċjali, skont hu s-soċjetà M.A.*

*Illi dan il-prinċipju ġie kostantament applikat mill-Qrati tagħna. Hekk, fil-kawża fl-ismijiet Charles O'Flaherty noe. vs. Joseph Micallef (Ċit. Nru 885/85/JDC), deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fl-24 ta' Ġunju, 1987, fejn il-fatti kienu simili għal dawk in eżami, ingħad:*

*"Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut hu obbligat personalment għall-ħlas, peress li ma jirriżultax li fiż-żmien meta kien isir innegozju inkwistjoni huwa indika lis-socjetà attriċi li l-ħlas ma kellux isir minnu jżda minn soċjetà kummerċjali".*

*4) l-ispendita del nome trid issir sal-mument meta l-ftehim ikun ġie ffinalizzat. "Għar-rigward tal-portata tal-vinkolu kontrattwali, din ilQorti tagħmel riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-3 ta' Diċembru, 1999 mogħtija fil-kawża Vella vs. Vella noe. Skont din is-sentenza, il-mument determinanti huwa meta tiġi kontrattata l-obbligazzjoni. Huwa dak il-mument fejn min jikkontratta għandu l obbligu li jiddikjara b'mod ċar u univoku illi f'dik il-kontrattazzjoni mhux qiegħed jidher f'ismu imma f'isem persuna oħra (fiżika jew morali) li trid tkun ben identifikata. Huwa fl-obbligu li jassikura li dan il-fatt ikun ġie sewwa a konoxxenza tal-parti l-oħra f'dak il-mument għaliex altrimenti jkun qiegħed jassumi personalment ir-responsabilità għan-negozju minnu kontrattat u għall-obbligi naxxenti minn dak in-negozju."*

*Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-soċjetà attriċi kellu jirrileva b'mod ċar u univoku illi f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qiegħed jidher f'ismu imma f'isem persuna oħra ben identifikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun ġie sewwa a konnoxxenza tas-soċjetà attriċi f'dak il-mument għaliex altrimenti jkun qiegħed jassumi personalment ir-responsabbilità għan-negozju minnu kontrattat u għall-obbligi li kien jimporta (John Vella noe v. Anthony Vella et, Qorti tal-Appell, 3 ta' Diċembru, 1999)."*

*5) meta persuna tallega li aġixxiet f'isem ħaddieħor, il-piż tal-prova jaqa' fuqha:*

*"Ladarba rriżulta li l-ordni saret mill-konvenut sta għall-istess konvenut li jipprova li meta għamel l-ordni ma għamilhiex f'ismu personalment iżda*

*għamilha għal xi ħaddieħor. Jekk din il-prova ma ssirx għas-sodisfazzjon tal-Qorti jsegwi li l-konvenut ikun tenut responsabbli personalment għall-konsegwenzi kollha li jiskaturixxu mill-istess ordni li għamel."*

*Kif kien osservat fis-sentenzi tal-Qorti tal-Kummerċ Cilia noe vs. Scicluna (K/FGC) tas-27 ta' April, 1992 (LXXVI.IV.673) u Bonnici noe vs. Grima (K/JDC) tat-30 ta' April, 1992 (LXXVI.IV.677) u tal-Qorti tal-Appell Caruana et vs. Magro et tas-6 ta' Ottubru, 1999, hija ħaġa minn ewl id-dinja li normalment bniedem jikkontratta għalih innifsu, sakemm ma jindikax li qiegħed jikkontratta f'isem ħaddiehor, jew jekk dan ma jindikax espressament, il-kontraent l-ieħor ikun raġonevolment jaf illi jkun qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor. Għalhekk fil-każ tal-lum, jinkombi fuq il-konvenuti l-oneru tal-prova tal-ewwel u tat-tieni eċċezzjonijiet u ċioè il-prova li l-kreditu pretiż minn Golden Harvest mhuwiex dovut minnhom personalment iżda mill-kumpannija Dolceria Italiana Limited, li tagħha jirriżulta li l-konvenuti huma l-azzjonisti u li tagħha jirriżulta li kienu t-tnejn diretturi fid-data tal-presentata tar-rikors ġuramentat.*

*6) Il-provi f'dan ir-rigward għandhom jintiżnu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubju l-mandat ma jistax jiġi preżunt, anzi għandu jiġi eskluż (Troplong mandato no. 50) ċitata fil-kollezzjoni Vol XLII.ii.203…*

*"Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Ottubru, 1999 fil-kawża Formosa et noe vs. Felice tat direzzjoni preċiża fis-sens illi sostniet li kien jispetta lill-ġudikant li jiżen iċ-ċirkostanzi ta' kull każ biex jasal għall-konvinċiment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rappresentanza ta' ħaddieħor. Ċerti każijiet huma ovvji, oħrajn mhumiex daqstant ovvji. Fejn hemm dubju però wieħed għandu jippresumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet qed tagħmel hekk f'isimha."*

Fl-isfond ta' dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali, l-Qorti tinnota li għalkemm il-kliem "Karas Payment Breakdown" fuq il-prospett tal-ħlasijiet pretiżi mis-soċjeta' attriċi jista' *prima facie* jimplika li dan qed jirreferi għas-soċjeta' Karas Company Limited msemmija fl-eċċezzjoni in eżami, meta pero' meħud fl-assjem tal-provi mressqa l-Qorti ma hijiex konvinta sal-grad rikjest mill-liġi li dan huwa l-każ. Apparti li possibilment ir-referenza fuq id-dokument kienet għall-isem tal-ħanut fost possibiltajiet oħrajn, il-provi mressqa jippuntaw aktar lejn negozju li kien sar mil-konvenut personalment.

Dan jingħad mhux biss għall-mod kif il-konvenut Maged Fawzy xehed, fejn hu kontinwament tkellem b'mod personali għalih u mhux għal xi kumpanija, iżda wkoll għal provi oħra. Kif ingħad fis-suespost, id-direttur tas-soċjeta' attriċi xehed bil-ġurament li meta huma ġew avviċinati mill-konvenut Maged Fawzy

biex ifornuh b'apparat minn tagħhom għall-ħwienet li kellu huwa dejjem innegozja f'ismu personali u tahom id-dettalji personali tiegħu u ma ndikax li kien qiegħed jaġixxi f'isem xi kumpanija. Kien l-istess konvenut li kien jagħmel il-ħlasijiet *cash* jew b'ċekk jew trasferimenti bankarji lis-soċjeta' attriċi. Sinifikanti hu li l-konvenuti, minkejja li kienu debitament rappreżentati, f'ebda ħin ma għamlu kontro-eżami ta' dan ix-xhud. Il-konvenuti lanqas ppruvaw jikkontradixxu din ix-xhieda bi provi konkreti għax la ppreżentaw dokumenti, la riċevuti u lanqas *statements* tal-ħlas bi trasferimenti bankarji. Dan minkejja li l-istess konvenut Maged Fawzy kien obbliga ruħu li jesebixxi d-dokumentazzjoni relattiva sabiex juri minn min saru l-ħlasijiet.

Kwindi ma jirriżultax almenu mill-provi mressqa f'din il-kawża li meta huwa kien jinnegozja mar-rappreżentanti tas-soċjeta' attriċi huwa kien għamilha ċara magħhom li qiegħed jaġixxi f'isem is-soċjeta' Karas Company Limited.

Għalhekk huwa meqjus li l-konvenut ikkuntratta u nnegozja mas-soċjeta' attriċi f'ismu.

**L-eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda.**

## <u>Mertu</u>

**Fl-ewwel talba tagħha** s-soċjeta' attriċi titlob lill-Qorti tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tagħha f'ammont li għandu jiġi likwidat sabiex jirrappreżenta x-xogħlijiet reżi lill-istess konvenuti.

Mill-provi rriżulta ampjament li n-negozju bejn il-partijiet seħħ u kien il-konvenut Maged Fawzy stess li kkonferma dan.

Is-soċjeta' attriċi ppreżentat prospett dettaljat tal-ammonti li għadhom sal-lum dovuti lilha u dan wara li tnaqqsu l-pagamenti li kienu saru mill-konvenuti. Għal darb'oħra l-konvenuti ma ressqux domandi u lanqas ressqu provi sal-grad rikjest mill-liġi li juru li dan l-ammont bilanċjali ta' €29,701 mhuwhiex dovut jew almenu mhux dovut fl-intier tiegħu, għalkemm ikkontesta dan. Waqt ix-xhieda tiegħu l-konvenut Magad Fawzy spiċċa jikkontradixxi lilu nnifsu fejn l-ewwel qal s-soċjeta' attriċi kienet ħadet lura l-apparat kollu li waħħlet u li per konsegwenza ma kellu jħallas xejn, biex imbagħad irrikonoxxa li kien fadallu ħlasijiet x'jagħmel lis-soċjeta' attriċi iżda ma jiftakarx kemm. Insista li *se mai* kien fadallu jħallas ammont inqas minn €29,701.00. Pero' għal darb'oħra, prova ta' kemm skont hu, kien fadallu jħallas ma ġabx. Stranament fis-sottomissjonijiet tagħhom l-konvenuti jsemmu li l-pagament lis-soċjeta' attriċi għandu jkun ta'

€7,000. Il-prova pero' ta' kif il-konvenuti waslu għal €7,000 ma tirriżultax minn imkien.

Inoltre, r-ritratti preżentati mill-konvenut fejn jidhru li kienu qed jiġu maqlugħa xi xkafef huma evidentement meħudin f'ħanut wieħed. Dan jikkonferma l-verżjoni tar-rappreżentant tas-soċjeta' attriċi li huma kulma ħadu lura kien l-apparat li nstallaw f'ħanut wieħed u mhux fil-ħwienet l-oħra. B'hekk tiġi aktar plawsibbli u kredibbli l-verżjoni tas-soċjeta' attriċi li għad fadlilha tirkupra l-ħlasijiet rimanenti minħabba li l-konvenuti kien ghad fadlilhom ħwienet oħra li fihom kien twaħħal apparat mis-soċjeta' attriċi.

Għalhekk fiċ-ċirkustanzi l-Qorti hija sodisfatta li l-ewwel talba ġiet pruvata u tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tas-soċjeta' attriċi għal xogħlijiet reżi lill-konvenuti fl-ammont ta' €29,701.

Konsegwentement il-bqija tat-talbiet ser jiġu milqugħa u s-somma msemmija ser tiġi likwidata b'dana li l-konvenuti għandhom iħallsu din is-somma ta' €29,701 lis-soċjeta' attriċi.

Għall-istess raġunijiet, il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti sejrin jiġu miċħuda.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi -**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti;**

2. **Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tas-soċjeta' attriċi għal xogħlijiet reżi lilhom fl-ammont ta' disgħa u għoxin elf seba' mija u Ewro (€29,701);**

3. **Tilqa' t-tieni talba u tillikwida s-somma ta' disgħa u għoxin elf seba' mija u Ewro (€29,701) dovuta lis-soċjeta' attriċi;**

4. **Tilqa t-tielet talba u tordna lill-konvenuti jħallsu din is-somma lis-soċjeta' attriċi;**

5. **L-ispejjeż tal-kawża jkunu a karigu tal-konvenuti li għandhom iħallsu wkoll l-imgħaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**